

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.7962 — ChemChina/Syngenta)  
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2016/C 363/08)

1. Fit-23 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-impriża China National Chemical Corporation ("ChemChina", iċ-Ċina) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Syngenta AG kollha kemm hi ("Syngenta", l-Iżvizzera) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal ChemChina: materjali kimiċi ġodda u speċjalità kimika, kimiċi bażiċi, ipproċessar u raffinar taż-żejt, apparat kimiku, prodotti tal-lastku, u agrokimiċi;
- għal Syngenta: l-agrinegożju, b'mod partikolari, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, iż-żrieragħ u prodotti tal-lawn u tal-ġnien.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza l-Każ M.7962 — ChemChina/Syngenta, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(¹)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).